**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 142/2025 AL

A B u C B

Vs

X

(M.R. Numru 3462/2015)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet li permezz tiegħu esponew:

1. Illi r-rikorrenti kienu kkuntrattaw iż-żwieg bejniethom nhar is-sebgha ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (07.11.2015) ġewwa l-Knisja Parrokjali Marija Bambina ta' Senglea liema żwieġ ġie rreġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fit-tlieta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn

u ħmistax (23.11.2015) bin-numru 2337/2015 u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok A;**

2. Illi r-rikorrenti kienu sseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nuttar Dottor Liza Schembri fil-ħmistax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (15.03.2022), b'dan illi mid-data tal-iffirmar ta' dan l-Att insinwat fis-sbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (17.03.2022) bin-numru 8253/22 l-istess rikorrenti rregolaw l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali taghhom u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' firda personali hawn anness u mmarkat bħala **Dok B;**

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata iż-żewġ rikorrenti għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni personali hawn suċitat ir-rikorrenti kienu rrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment jew assistenza mingħand xulxin;

5. Illi mill-imsemmi żwieġ ir-rikorrenti kellhom żewġ ulied, E, fit-tnejn u għoxrin ta' Marza tas-sena elfejn u erbatax (22.03.2014) u F fil-ħdax ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (11.07.2017) u illi r-rikorrenti omm qiegħda tirċievi l-manteniment hekk kif patwit fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn ir-rikorrenti u dwar liema m'hemm l-ebda pendenzi u/jew arretrati u konsegwentement ma teżisti ebda' kwistjoni f'dan ir-rigward;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi sabiex ir-rikorrenti jitolbu konġuntivament għall-ħall taż-żwieġ ta' bejniethom u konsewentament għall-ksib tad-divorzju u dan skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi in oltre rikorrenti C B tixtieq li tibdel kunjomha billi tirriverti għal kunjom tagħha ta' xebba ossia "D";

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qegħdin konġuntivament bejniethom umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejniethon u dan *ai termini* tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ttawtorizza lil C B tirriverti għal kunjom xbubitha ossia "D";

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet;

U dan taht kull provvediment ieħor li l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun illi timponi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Marzu, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Marzu 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti C B tixtieq tirrevirti ghal kunjom xbubitha u cioe`"D", il-Qorti tilqa` din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jieħu l-passi kollha sabiex C B tirreverti ghal kunjom xbubitha ossija "D".

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa sollecitat biex jieħu l-miżuri kollha sabiex Analise Micallef tirriverti għal kunjom xbubitha, Cardona.